**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ZGĦAR**

GUDIKATUR
DR MARSETTE PORTELLI XERRI LL.D.
LL.B, N.P, LL.D, M.A., Dip. Tesol (Trinity)

**Seduta ta' nhar il-Gimgħa 30 ta' Mejju, 2025**

Kawża Numru: 17/2023 (MPX)

**Nadia Vella (K.I. 17276G)**

**vs**

**Joseph Camilleri (K.I. 458091M)**

**Preliminari**

It-Tribunal,

Ra l-avviż tal-attrici, ippreżentat fis-27 ta' Ottubru, 2023, fejn talbet kif ġej:

> "L-attrici titlob illi dan l-Onorabbli Tribunal jghogbu jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' elfejn mitejn u hamsin euro (€2,250) rappreżentanti s-sehem dovut mill-konvenut in konness0joni ma' spejjez sborzati mill-esponenti ghand id-dentist ghal benefiċċju tal-minuri Eric Camilleri u dana skond ma l-konvenut huwa obbligat illi jaghmel skond kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-kontendenti ta' l-14 ta' Jannar, 2008 fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani, liema somma minkejja li l-konvenut gie interpellat ihallasha baqa' ghal kollox inadempjenti. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta'

meta gew inkorsi l-ispejjez relattivi kontra l-konvenut li huwa minn issa stess ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz tagħha wieġeb kif ġej:

1. "Illi l-esponenti qed jikkontesta t-talba attrici;

2. Illi l-eccipjenti mhuwiex tenut jigi kkundannat ihallas ta' spejjez straordinarji li mhumiex mehtiega senz'altru ghas-sahha tal-minuri, izda biss biex estetikament ikollu dehra ahjar;

3. Illi l-esponenti f'ebda hin u f'ebda waqt ma gie informat qabel ma gew inkorsi l-allegati spejjez mill-attrici u bil-htiega taghhom, u issa qed jigi rinfaccat b'kawza biex dan it-Tribunal jikkundannah ihallas nofs dawn l-ispjjez li allegatament saru;

4. Illi l-attrici kienet tenuta tikseb bil-quddiem il-kunsens tal-eccipjenti fl-eventwalita' li xtaqet li huwa jippartecipa fl-ispejjez mehtiega. Il-partijiet bl-ebda mod ma kienu iddiskutew bejniethom din il-kwistjoni, wisq inqas kif kellhom jaqsmu l-ispiza relattiva;

5. Illi l-attrici ma tistax iddur issa fuq l-eccipjenti sabiex jippartecipa fi spiza straordinarja ghar-rigward ta' liema hija hadet decizjoni unilaterali;

   Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ra l-atti kollha tal-process.

It-Tribunal iqis opportun li, qabel jghaddi ghall-konsiderazzjonijiet maghmula minnu, jaghmel analizi tal-assjem tal-provi kollha migbura fl-atti taa' dawn il-proceduri.

Ra l-affidavit tal-attrici, fejn tghid li hija u l-konvenut kienu mizzewgin, u sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni tal-14 ta' Jannar, 2008, kopja ta' liema giet esebita minnha. Tghid li dan il-kuntratt jipprovdi li l-konvenut ghandu jghaddilha

manteniment, b'zieda ma' liema ghandu jhallas ukoll nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra-kurrikulari ta' iben il-partijiet.

Tispjega illi hija u t-tifel kienu attendew ghal *routine check-up* ghand id-dentist Dr Darien Cini, li kien qalilhom li t-tifel ghandu bzonn il-*braces*, li jsiru ghand *orthodontist*, u li liema *braces*, peress li t-tifel jilghab il-futbol b'mod professjonali, gew suggeriti li jsiru *invisalign*, biex ma jinkisrux.

Tghid li permezz ta' din il-kawza hija qieghda titlob li l-konvenut ikun orndat ihallasha nofs l-ispejjez mahruga minnha sabiex setghu jsiru dawn il-*braces*, u cioe` €2250. Izzid tghid li hija kienet baghtet ittra legali lill-konvenut, li dan baqa' ma wegibx ghaliha, u li din m'hijiex l-ewwel darba li kellha tintavola proceduri fil-konfront tal-konvenut.

Ra l-kuntratt ta' separazzjoni, partikolarment il-klawsola rigwardanti hlas ta' manteniment u spejjez ohra, li taqra kif gej:

> *'B'zieda ma' dan il-manteniment, huwa ghandu wkoll jhallas nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra-kurrikulari fir-rigward tat-tifel.'*

Ra d-dokumenti l-ohra kollha esebiti mal-affidavit tal-attrici;

Ra l-affidavit ta' Eric Camilleri, bin il-partijiet, fejn jghid iilli huwa, flimkien ma' ommu, kien attenda ghal *routine check-up* ghand id-dentist Dr Darien Cini, li kien qalilhom li kellu (Eric Camilleri) bzonn *braces* peress illi snienu m'humiex sew bhala posizzjoni, u li tali *braces* isiru ghand *orthodontist.* Izid jghid li peress li huwa jilghab il-futbol b'mod professjonali, kienu gew suggeriti li l-istess braces ma jsirux tal-hadid ghaliex jistghu jinkisru;

Ra r-rapport mediku mahluf, imhejji minn Dr Daniel Cassar Darien, fejn jghid li Eric Camilleri kien attenda ghal konsultazzjoni medika fl-14 ta' Lulju, 2022, fejn kien gie misjub li snienu ma kinux korrettament ipposizzjonati, liema *dental malocclusion* twassal ghal diffikultajiet funzjonali u estetici. Jghid li kien ghalhekk gie rakkommandat trattament ulitizzanti *aligner*, li kien jiswa €4,500. Jghid li dan it-trattament inbeda u ghadu ghaddej, u li l-hlas relattiv gie saldat;

Ra l-affidavit tal-konvenut, fejn jghid li fil-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet kien gie miftiehem li decizjonijiet ta' importanza, partikolarment rigward sahha u edukazzjoni tat-tifel ghandhom jittiehdu mill-genituri b'konsultazzjoni bejniethom.

Jghid li huwa qatt ma gie kkonsultat mill-attrici dwar il-*braces* tat-tifel u l-ispiza involuta. Izid jghid li lanqas dwar jekk dawn kellhomx isiru tal-hadid jew tal-plastik ma gie kkonsultat, u jasserixxi li minkejja li l-attrici kellha stima tal-ispejjez sena u nofs qabel m'ghamlet din il-kawza, dan id-dokument huwa rah l-ewwel darba wara li l-attrici pprezentat l-affidavit taghha.

Izid jghid li skont hu spejjez ta' *braces* m'ghandhomx x'jaqsmu ma' sahha, izda saru biss ghal skopijiet estetici;

Ra x-xhieda tal-attrici in kontro-ezami, fejn tghid li m'hijiex certa jekk l-ittra li kienet intbaghtet lill-konvenut, esebita minnha, kinitx intbaghtet registrata. Tghid illi lura lejn l-14 ta' Lulju, 2022, hija ma kinitx ikkomunikat l-istima moghtija lilha lill-konvenut, peress li kienet taf li dan kien ser ikun inutli, u li kienet certa li din il-materja, bhall-kwistjonijiet precedenti, kienet ser tispicca l-qorti. Mistoqsija jekk ippruvatx taghmel kuntatt mal-konvenut, tghid li dan ma setax isir peress li n-numru taghha jinsab blokkjat;

Ra t-twegibiet moghtija minn Dr Cassar Darien ghall-mistqosijiet skritti maghmula lilu mill-konvenut, fejn jispjega illi *malocclusion* hija *misalignment* bejn is-snien ta' fuq u dawk ta' isfel, meta dawn jitqarrbu lejn xulxin x'hin ix-xedaq jinghalaq. Izid jghid li d-deskrizzjoni bhala 'mild' hija wahda suggettiva u tista' tvarja skont interpretazzjonijiet moghtija. Ikompli jispjega li f'dan il-kaz it-trattament kien mehtieg ghal ghadd ta' ragunijiet, u ghaldaqstant ma jistax jigi deskritt bhala 'mild'.

Jispjega illi 'invisalign treatment' huwa normalment iktar gholi peress li dan jutilizza teknologija digitali moghtija minn terzi provdituri. Jghid li dan it-trattament huwa iktar rezistenti ghal trawma incidentali u li attwalment jipprovdi wkoll funzjoni protettiva, ghalkemm dan la huwa l-vantagg primarju taghha, u lanqas fattur partikolarment relevanti.

Iwiegeb ukoll li l-estetika u l-apparenza jikkostitwixxu skop magguri fi kwalsiasi trattament ortodontiku. Dan iwassaal ghal stat mentali iktar san, kif ukoll ghal iktar kunfidenza, specjalment tul is-snin tal-adoloxxenza. Izid jghid, izda, li l-kundizzjoni ta' bin il-partijiet kienet tali li esponietu wkoll ghal problemi futuri, kemm minhabba n-nuqqas ta' bilanc, kif ukoll minhabba possibilita` ta' problemi strutturali fejn jidhlu snien. Jghid li l-prevenzjoni ta' dawn il-problemi kienu wkoll ghan li t-trattament moghti ried jilhaq.

Jghid illi m'huwiex normali li *class 3 occlusion treatment* jipprezenta sintomi clinici fl-eta` li fija qieghed bin il-partijiet, u jerga' jenfasizza li l-prevenzjoni kienet parti mit-trattament moghti.

Iwiegeb ghas-sitt mistoqsija billi jghid illi bhal ma huwa l-kaz f'diversi kundizzjonijiet klinici, huwa impossibbli li wiehed jiggeneralizza, imma li f'hafna kazijiet, *class 3 malocclusion* ta' din in-natura tista' taffettwa negattivament il-kwalita` tal-hajja. Jghid li, pero`, ma hijiex kundizzjoni li tista' twassal ghal telf ta' hajja jew dizabilita`.

Jikkonferma li l-ebda kuntatt ma nzamm mal-konvenut;

Ra x-xhieda in kontro-ezami tal-konvenut Joseph Camilleri, fejn jghid li huwa u l-attrici ma jikkomunikawx flimkien, izda jichad li n-numru tal-attrici huwa blokkjat. Jikkonferma li kemm hu kif ukoll l-attrici kellhom jintavolaw rikorsi biex jigu indirizzati kwistjonijiet bejniethom. Jghid li l-indirizz li fuqu giet mibghuta lilu l-ittra mill-attrici huwa ta' fond li jservi biss bhala *store*, u li fih m'ghandux kaxxi tal-ittri. Jghid li ghalkemm l-avviz odjern gie mibghut fuq l-istess indirizz, dan gie notifikat lilu bil-marixxall, li nzertah waqt li kien qieghed jghabbi fil-vettura tieghu.

Mistoqsi jekk jaqbilx li l-ispiza kellha ssir, huwa jghid li lil ibnu la jarah u lanqas ikellmu. Jghid ukoll li ma jaqbilx mal-ispiza involuta peress li din hija kbira wisq, u li hemm iktar dentisti minn dak li ghazlet l-attrici. Mistoqsi jekk ottjeniex xi stima, jghid illi meta mar ghand dentist biex jinghata stima, dan qallu li jkun irid jara s-snien;

Ra x-xhieda tal-konvenut in ri-ezami, fejn jghid li ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet, decizjonijiet importanti dwar it-tifel ghandhom jittiehdu b'konsultazzjoni bejn il-partijiet, u li f'dan il-kaz dan ma sehhx. Jghid ukoll li qabel ma rcieva din il-kawza ma kien ircieva xejn minghand l-attrici.

Ikkunsidra:

Wara li t-Tribunal, b'attenzjoni dovuta, ħa konjizzjoni sħiħa u kompleta tad-dispożizzjonijiet mniżżla fil-kuntratt ta' separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet, u wara li eżamina b'mod prudenti l-provi kollha prodotti, huwa tal-fehma li ġie stabbilit b'mod ċar u inequivoku li effettivament, wahda mid-dispożizzjonijiet kuntrattwali hemm kontenuti timponi obbligu espress fuq iż-żewġ partijiet sabiex, rigward materji

ta' ċerta importanza li jikkonċernaw is-saħħa u l-edukazzjoni tat-tifel komuni tagħhom, jikkonsultaw bejniethom qabel jieħdu kwalunkwe deċiżjoni.

Mill-evidenza kollha ppreżentata, jirriżulta b'mod preponderanti, li tali konsultazzjoni bejn il-partijiet qatt ma seħħet. Din in-nuqqas ta' konsultazzjoni għandha tiġi attribwita, b'mod prinċipali, għall-fatt serju u mhux kontestabbli li l-komunikazzjoni bejn il-partijiet hija waħda prattikament ineżistenti, u li fil-fatt ma teżisti ebda relazzjoni effettiva bejn il-missier u t-tifel.

L-assenza ta' komunikazzjoni, li tmur ferm lil hinn minn sempliċi nuqqas ta' koperazzjoni, tikkostitwixxi ostakolu materjali għall-implimentazzjoni effettiva tad-dritt u d-dover ta' konsultazzjoni kif previst fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, u għaldaqstant, il-fatt li din il-konsultazzjoni ma seħħitx għandu jiġi wkoll interpretat fid-dawl ta' dan ix-xenarju xejn felici, u mhux biss bħala nuqqas volontarju minn naħa waħda biss.

Jidher li d-dinamika relazzjonali bejn il-partijiet kienet u għadha waħda kompletament kompromessa, tant li jagħmel kważi impossibbli kwalunkwe forma ta' komunikazzjoni produttiva rigward il-benesseri tat-tifel. Dan il-fatt, għalkemm ma jeżonerax lill-partijiet mir-responsabbiltajiet tagħhom, għandu jiġi ikkunsidrat b'mod sostanzjali fil-kuntest odjern.

It-Tribunal jidhirlu li jkun opportun jigi evalwat kemm, fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi stabbiliti, id-decizjoni mehuda mill-omm waheda, tista' titqies bhala neċessarja, preventiva u proporzjonata, u fi kliem iehor, kemm, kemm-il darba giet effettivament mizmuma komunika bejn il-partijiet, din kienet xorta wahda ser twassal ghax-xenarju kurrenti.

F'dan ir-rigward, it-Tribunal ma jistax jinjora x-xhieda provduta mid-dentist li amministra t-trattament. Din ix-xhieda tispjega b'mod ċar li t-trattament mogħti lit-tifel, ma kienx wieħed purament kosmetiku jew marbut ma' kunsiderazzjonijiet ta' dehra esterna, iżda kellu wkoll funzjoni preventiva essenzjali għall-kundizzjoni dentali preżenti u għall-ħarsien tas-saħħa orali futura.

Il-valur ta' din ix-xhieda jissaħħaħ mid-dettall tekniku tagħha u mill-fatt li ma ġiet kontradetta minn ebda opinjoni oħra medika, jew professjonali. Ma ġie ppreżentat ebda rapport jew evidenza speċjalista li jiddikjaraw bil-kontra, u għalhekk, dan it-Tribunal ma jistax, taħt l-ebda standard ta' prova, iqis din ix-xhieda bħala irrilevanti jew nieqsa minn piż fil-kuntest probatorju.

Minn dan jirriżulta b'mod manifest li l-intervent li sar ma jistax jitqies bħala wieħed frivolu, superflu jew neċessarjament evitabbli. Għall-kuntrarju, mill-fatti ppruvati jirriżulta li kieku dan it-trattament ma ngħatax fil-ħin opportun u b'mod xieraq, it-tifel tal-partijiet seta' ġie espost għal kumplikazzjonijiet futuri.

Fid-dawl ta' dan, dan it-Tribunal ma jistax jikkonkludi li t-trattament in kwistjoni kien wieħed inutli jew li seta' ġie evitat. L-istess japplika għad-dikjarazzjoni tal-konvenut li pprova jasserixxi li l-intervent kellu biss x'jaqsam mad-dehra fiżika tat-tifel – dikjarazzjoni li tibqa' mhux sostanzjata u mħollija mingħajr fond probatorju.

Bl-istess mod, dan it-Tribunal jinnota li minkejja l-insistenza kontinwa tal-konvenut li l-attrici setghet għażlet trattament alternattiv b'nefqa ferm aktar baxxa, u li allegatament diversi dentisti indikawlu li kien hemm għażliet oħra irħas, xorta waħda ma ġiet ippreżentata l-ebda prova konkreta li ssaħħaħ jew tissostanzja din l-allegazzjoni. Ma tressqux kwotazzjonijiet, rapporti jew valutazzjonijiet alternattivi mingħand professjonisti oħra, li jistgħu jqabblu b'mod konkret l-ispiża u n-natura tat-

trattament mogħti ma' dawk l-alternattivi li qed jiġi sostnut li kienu possibbli u aċċessibbli.

Dan in-nuqqas probatorju jħalli lill-Tribunal f'pożizzjoni fejn ma jista' jwettaq ebda forma ta' analiżi komparattiva bejn trattamenti differenti, u għaldaqstant, id-dikjarazzjonijiet tal-konvenut fuq dan il-punt jibqgħu sempliċi pretensjonijiet mhux sostnuti.

Barra minn hekk, it-Tribunal ħa konjizzjoni tad-diversi sentenzi mogħtija minn dan it-Tribunal diversament presedut, kif esebiti mill-attrici, li jikkonċernaw nefqiet relatati ma' bin il-partijiet. Għalkemm dawn is-sentenzi ma għandhomx effett legali dirett fuq dan il-każ, xorta waħda jagħtu stampa ċara tad-dinamika relazzjonali bejn il-partijiet, partikolarment dwar kif spiss l-attrici hija mġiegħla tieħu passi legali sabiex tiġi sodisfatta nefqa relatata mat-tifel, anke f'nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa tal-konvenut. Dan iservi biex jemmen li l-azzjoni li ttieħdet mill-attrici f'dan il-każ kienet intenzjonata sabiex jiġu evitati proċeduri ġudizzjarji multipli, li x'aktarx kienu jwasslu għall-istess ezitu.

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi u konsiderazzjonijiet maghmula, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talbiet attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess attrici l-ammont ta' €2,250, bl-imghaxijiet legali legali mid-data ta' din is-sentenza. Spejjez a karigu tal-konvenut.

(ft.) Dr. Marsette Portelli Xerri
Ġudikant
(ft.) Martina Axiak
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur